

PROPOSTA
EVA 2023-2711-0094

Skont I-Artikolu 21(7) tal-Att dwar il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 24/05 – test konsolidat uffiċjali, 109/08, 38/10 – ZUKN, 8/12, 21/13, 47/13 – ZDU-1G, 65/14, 55/17 u 163/22), il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja b'dan joħroġ dan li ġej

REGOLAMENT
**dwar l-użu tat-tikketta “Għażla Tajba” biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta’ ikel
b’kompożizzjoni nutrizzjonali favorevoli**

I. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
(Suġġett)

(1) Dan ir-Regolament jispeċifika l-użu tat-tikketta “Għażla Tajba” (minn hawn ‘il quddiem imsejħa t-“tikketta”) biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta’ ikel b’kompożizzjoni nutrizzjonali favorevoli, il-kundizzjonijiet li l-ikel għandu jissodisfa meta tintuża t-tikketta, inkluż l-użu fil-midja, l-immaġni grafika tat-tikketta, l-istabbiliment ta’ lista ta’ ikel bit-tikketta, il-kontroll fuq l-użu tat-tikketta u l-multi għal reati.

(2) Dan ir-Regolament, f’konformità mal-Artikolu 35 u l-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1) (minn hawn ‘il quddiem imsejja ġi-“Regolament 1169/2011/UE”), jipprevedi forom addizzjonali ta’ indikazzjoni u wiri tal-valur nutrizzjonali tal-ikel f’forma grafika jew n’simbolu, il-monitoraġġ ta’ ikel bħal dan introdott fis-suq tar-Repubblika tas-Slovenja.

(3) Dan ir-Regolament qed jinħareġ soġġett għall-proċedura ta’ informazzjoni f’konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

(4) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ma għandhomx jaapplikaw għal prodotti li, f’konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura livell ekwivalenti ta’ protezzjoni tal-interess pubbliku kif definit fil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja, huma legalment:

- manifatturati jew kummerċjalizzati fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea u fit-Turkija, jew
- manifatturati fil-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), li huma wkoll firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Artikolu 2
(Definizzjonijiet)

It-termini użati f’dan ir-Regolament għandhom it-tifsiriet li ġejjin:

1. “imballaġġ” għandha tfisser l-imballaġġ kif iddefinit mir-regolament li jirregola l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ;

2. "midja" għandha tfisser il-midja kif definita mil-liġi li tirregola l-midja;
3. "ikel mhux imballat minn qabel" għandha tfisser ikel kif definit mir-regoli li jirregolaw it-tikkettar ġeneral ta' ikel mhux imballat minn qabel;
4. "operatur ta' negozju tal-ikel" għandha tfisser persuna fiżika jew ġuridika kif definita fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorită Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/908 tas-17 ta' Jannar 2024 li jemenda r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 fir-rigward tal-għadd u l-is-mijiet tal-Bordiċċi Xjentifiċi permanenti tal-Awtorită Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 2024/908, 20.3.2024), li, f'konformità mal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament, jinforma dwar l-użu tat-tikketta "Għażla Tajba";
5. "kompożizzjoni nutrizzjonal favorevoli tal-ikel" għandha tfisser li l-ikel imsemmi fl-Anness 1, li huwa parti integrali minn dan ir-Regolament:
 - għandu kontenut baxx ta' xaħam, xaħam saturat, zokkor jew melħ,
 - ikollu kontenut għoli ta' fibra fid-dieta, jew
 - valur baxx ta' enerġija;
6. "użu tat-tikketta" għandu jfisser l-immarkar, il-preżentazzjoni jew ir-reklamar tal-ikel li jkollu t-tikketta;
7. "spazju sikur" għandha tfisser l-ispażju vojt madwar it-tikketta, kif determinat mill-immaġni grafika integrata msemmija fl-Anness 3, li hija parti integrali minn dan ir-Regolament, u li jiġura l-leġġibbiltà tat-tikketta u l-importanza tagħha;
8. "ikel imballat għall-bejgħ dirett" għandu jfisser ikel kif definit mir-regoli li jirregolaw it-tikkettar ġenerali tal-ikel li ma jkunx imballat minn qabel;
9. "ikel kif ippreparat għall-konsum" għandha tfisser ikel li jkun ġie pproċessat mill-operatur tan-negozju tal-ikel sal-punt li jkun tajjeb għall-konsum mingħajr preparazzjoni jew tisjir minn qabel.

II. L-UŻU TAT-TIKKETTA, IMMAĠNI GRAFIKA U LISTA TAL-ikel

Artikolu 3 (Użu tat-tikketta)

(1) L-użu tat-tikketta huwa volontarju.

(2) It-tikketta tista' tintuża għall-ikel imballat minn qabel u mhux imballat minn qabel u l-ikel imballat għall-bejgħ dirett, f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-użu tat-tikketta fil-gruppi tal-ikel u l-valuri ta' limitu tan-nutrijenti fl-ikel imsemmija fl-Anness 1, li huwa parti integrali minn dan ir-Regolament.

(3) Dawn li ġejjin ma għandhomx jintużaw fil-produzzjoni ta' ikel imsemmi fil-paragrafu preċċedenti:

- addittivi li jappartjenu għall-klassi funzjonal tas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16), emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1451 tal-24 ta' Mejju 2024 li jemenda l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-addittivi tal-ikel: l-acċidu tartariku (L(+)-) (E 334), it-tartrati tas-sodju (E 335), it-tartrati tal-potassju (E 336), it-tartrat tal-potassju u s-sodju (E 337) u t-tartrat tal-kalċċu (E 354) (ĠU L 2024/1451, 27.5.2024) (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "ir-Regolament 1333/2008/KE"), u
- il-kuluri elenkti fl-Anness V tar-Regolament 1333/2008/KE.

(4) Għall-ikel li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-artikolu, għandha tintuża l-immaġni grafika tat-tikketta spċċifikata fl-Anness 2, li huwa parti integrali minn dan ir-Regolament.

(5) L-ikel imsemmi fil-paragrafu preċedenti wkoll irid jiġi ttikkettat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

Artikolu 4 (Il-forma u d-daqs tat-tikketta)

(1) It-tikketta tikkonsisti f'simbolu grafiku fil-forma tal-ittra Q, li tirrappreżenta l-kwalità nutrizzjonali tal-ikel, immaġni ta' qalb fin-nofs, l-iskrizzjoni "GĦAŻLA TAJBA" u spazju sikur.

(2) It-tikketta dejjem irid ikollha l-istess forma. Tkabbair u tiċkin jistgħu jsiru biss fuq it-tikketta kollha kemm hi.

(3) It-tikketta għandha titqiegħed fuq il-kamp viżiv ċentrali tal-imballaġġ.

(4) Id-daqs tat-tikketta għandu jkun wiesa' mill-inqas 10 mm u jista' jitnaqqas għal wisa' minima ta' 8 mm fil-każ ta' imballaġġ u prodotti żgħar.

(5) Id-daqs tal-iskrizzjoni "GĦAŻLA TAJBA" għandu dejjem ikun proporzjonat mad-daqs tas-simbolu grafiku u l-bażi jew il-marġni ta' sikurezza. Mhuwiex permess li l-iskrizzjoni "GĦAŻLA TAJBA" tiċċekken jew titkabbar indipendentement mis-simbolu grafiku.

(6) Irrispettivavent mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, l-immaġni grafika tat-tikketta msemmija fil-punt (e) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament tista' tintuża mingħajr l-iskrizzjoni "GĦAŻLA TAJBA", meta l-wisa' tat-tikketta tkun ta' 8 mm għall-imballaġġ u għall-prodotti żgħar.

(7) L-immaġni grafika ġenerali hija speċifikata fl-Anness 3, li huwa parti integrali minn dan ir-Regolament.

Artikolu 5 (Kulur u tipografija)

(1) It-tikketta tintuża fil-varjanti tal-kulur li ġejjin:

1. Kuluri Pantone:

- il-kulur tat-tikketta: AĦDAR – Pantone 7738 C,
- il-kulur tat-tikketta: ISWED – Pantone Black,
- il-kulur tat-tikketta: ABJAD – Pantone White;

2. Kuluri tal-procċess (CMYK):

- il-kulur tat-tikketta: AĦDAR – c75 m5 y100 k0,
- il-kulur tat-tikketta: ISWED – c0 m0 y0 k100,
- il-kulur tat-tikketta: ABJAD – c0 m0 y0 k0;

3. Kuluri RGB:

- il-kulur tat-tikketta: AĦDAR – r65 g173 b73,
- il-kulur tat-tikketta: ISWED – r0 g0 b0,
- il-kulur tat-tikketta: ABJAD – r255 g255 b255.

(2) L-immaġni grafika tat-tikketta għandha tkun ħadra, kif speċifikat fil-punt (a) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament. Meta l-bażi tal-imballaġġ tkun ħadra, jista' jintuża kulur negattiv, kif speċifikat fil-punt (b) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

(3) Irrispettivavent mill-paragrafu preċedenti, meta l-użu tal-kulur aħdar tat-tikketta ma jkunx possibbli, għandha tintuża l-verżjoni pożittiva jew negattiva. L-implimentazzjoni fuq sfond ċar hija dejjem bl-iswed, kif speċifikat fil-punt (c) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament, u fuq sfond skur dejjem bl-abjad, kif speċifikat fil-punt (d) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

(4) L-użu ta' verżjoni pożittiva jew negattiva tat-tikketta huwa rrakkmandat biss jekk iku hemm diffikultajiet tekniċi li jipprevju l-użu ta' verżjoni bil-kulur.

(5) Għall-iskrizzjoni “GħAŻLA TAJBA” tintuża t-tipografija kkondensata AEDIN konvertita, għalhekk ir-rikostruzzjoni mhijex permessa.

Artikolu 6 (Użu tat-tikketta fil-midja)

(1) Meta jiġi rreklamat l-ikel bit-tikketta fil-midja, it-tikketta viżibbli b'mod ċar imsemmija fil-punt (a) tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament għandha tintuża bil-kulur aħdar. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tintuża l-verżjoni pożittiva jew negattiva tat-tikketta msemmija fil-paragrafu 3 tal-artikolu preċedenti.

(2) Irrispettivament mill-paragrafu 5 tal-artikolu preċedenti, fil-midja jistgħu jintużaw ukoll tipografiji oħra msemmija fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7 (Lista ta' ikel bitt-tikketta)

(1) Il-Ministeru responsabbi għas-saħħha (minn hawn 'il quddiem imsejjħa il-“Ministeru”) jistabbilixxi u jiġġestixxi lista ta' ikel bit-tikketta (minn hawn 'il quddiem imsejjħa l-“lista ta' ikel”), li hija disponibbli fuq is-sit web-ċentrali tal-amministrazzjoni tal-Istat.

(2) Il-Ministeru jista', abbażi ta' sejħa pubblika, jaħtar amministratur tal-lista tal-ikel (minn hawn 'il quddiem imsejjħa il-“amministratur”) biex jistabbilixxi u jimmaniġġa l-lista tal-ikel.

(3) Il-lista tal-ikel għandha tħalli mill-inqas id-dettalji li ġejjin dwar l-ikel:

- I-isem tal-ikel;
- il-lista tal-ingredjenti u informazzjoni dwar il-valur nutrizzjonali tal-ikel;
- I-isem tal-operatur tan-negożju tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament.

(4) Qabel ma ikel jiddaħħal fil-lista ta' ikel, għandha tiġi vverifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

(5) Ladarba l-ikel jiddaħħal fil-lista, l-operatur tan-negożju tal-ikel jista' jibda juża t-tikketta.

(6) Amministratur jista' jkun kwalunkwe persuna li:

- għandha mill-inqas 10 snin esperjenza fil-qasam tas-sensibilizzazzjoni dwar stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha, b'enfasi fuq ikel tajjeb għas-saħħha,
- għandha esperjenza fil-qasam tal-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-ikel u huwa familjari mal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam,
- għandha esperjenza fil-qasam tal-ikel b'kompożizzjoni nutrizzjonali favorevoli.

(7) L-aċċess dirett għad-data mil-lista ta' ikel huwa pprovdut lill-persuni awtorizzati tal-Amministrazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja għas-Sikurezza tal-ikel, is-Settur Veterinarju u l-Protezzjoni tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejjħa l-“Amministrazzjoni”).

III. KOMPITI, INFORMAZZJONI DWAR L-UŻU TAT-TIKKETTA U Ż-ŻAMMA TAR-REKORDS

Artikolu 8 (Kompeti)

Il-Ministeru jew amministratur, jekk maħtur, iwettaq il-kompeti li ġejjin:

-jistabbilixxi lista ta' ikel li jiissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) u (3) ta' dan ir-Regolament;

- jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu tat-tikketta qabel l-inklużjoni tal-ikel fil-lista tal-ikel;
- jinkludi regolament id-data msemmija fil-paragrafu 3 tal-artikolu preċedenti fil-lista tal-ikel u jaġġornaha abbażi tal-bidiet notifikati mill-operatur tan-negozju tal-ikel;
- jiddetermina l-persuna ta' kuntatt inkarigata mill-komunikazzjoni mal-amministrazzjoni, il-Ministeru, l-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-utenti tal-lista tal-ikel;
- jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-operaturi tan-negozju tal-ikel, l-amministrazzjoni, il-Ministeru u l-utenti tal-lista tal-ikel dwar il-materji kollha relatati mal-ikel li jkollu t-tikketta u l-lista tal-ikel; u kompeti oħra relatati mal-użu tat-tikketta.

Artikolu 9 (Informazzjoni dwar l-użu tat-tikketta)

(1) Qabel ma jibda juża t-tikketta, l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jinforma lill-Ministeru jew lill-amministratur, jekk ikun inħatar, bid-dettalji tal-użu tat-tikketta għal ikel imsemmi fl-Anness 4, li huwa parti integrali minn dan ir-Regolament.

(2) L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi pprovdu b'mezzi elettroniċi.

(3) Il-Ministru għas-Saħħa għandu jiddetermina kundizzjonijiet aktar dettaljati dwar il-metodu ta' notifikasi elettronika u l-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-użu tat-tikketta.

(4) L-operatur tan-negozju tal-ikel huwa responsabbli għall-korrettezza tad-data sottomessa meta jinnotifikasi lill-Ministeru jew lill-amministratur, jekk ikun maħtur.

(5) F'każ ta' bidla fil-kompożizzjoni tal-ikel jew f'ismu, l-irtirar tal-ikel mis-suq jew it-twaqqif tal-bejgħ tiegħu, l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jinnotifikasi lill-Ministeru jew lill-amministratur, jekk ikun inħatar, fi żmien 30 jum.

Artikolu 10 (Rekords tal-ikel li juża t-tikketta)

(1) Operatur ta' negozju tal-ikel għandu jżomm rekords tal-prodotti tal-ikel tiegħu li jużaw tikketta li tindika l-konformità ma' dan ir-Regolament.

(2) Minbarra d-data msemmija fl-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament, ir-rekords imsemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom ukoll jinkludu l-kwantità ta' ikel prodott li juża t-tikketta.

(3) Għall-ikel b'ċerti livelli massimi stabiliti fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament, ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom, minbarra d-data msemmija fil-paragrafu preċedenti, jinkludu wkoll riżultati analitiċi li juru l-konformità tal-ikel mal-livelli massimi u indikazzjoni fuq id-dikjarazzjoni.

(4) L-operatur tan-negozju tal-ikel għandu jikseb ir-riżultati analitiċi msemmija fil-paragrafu preċedenti minn laboratorju akkreditat mill-inqas darba fis-sena bħala parti mill-kontrolli interni.

IV. SUPERVIŻJONI

Artikolu 11 (Superviżjoni)

Is-superviżjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha titwettaq mill-amministrazzjoni.

V. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PENALI

Artikolu 12 (Ksur)

(1) Għandha tiġi imposta multa ta' bejn EUR 5 000 u EUR 10 000 fuq persuna ġuridika għal reat jekk din:

- tuża t-tikketta bi ksur tal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament,
- tonqos milli t-informa lill-Ministeru jew lill-amministratur dwar l-użu tat-tikketta f'konformità mal-Artikolu 9(1) jew (7) ta' dan ir-Regolament jew jekk tippreżenta informazzjoni skorretta bi ksur tal-Artikolu 9(6) ta' dan ir-Regolament,
- ma żżommx rekords u ma tivverifikax il-konformità tad-dettalji fuq id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

(2) Għandha tiġi imposta multa ta' bejn EUR 1 000 u EUR 5 000 għal reat imsemmi fil-paragrafu preċedenti fuq kummerċjant waħdieni jew individwu li jwettaq attivitā b'mod indipendent.

(3) Għandha tiġi imposta multa ta' bejn EUR 500 u EUR 1 000 għal reat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu fuq il-persuna responsabbli ta' entità ġuridika jew il-persuna responsabbli ta' kummerċjant waħdieni jew individwu li jwettaq attivitā b'mod indipendent.

VI. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 13 (Stabbiliment u ġestjoni tal-lista)

L-istabbiliment u l-ġestjoni tal-lista ta' ikel bit-tikketta msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jitwettqu mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14 (Dħul fis-seħħi)

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-15-il jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi fil-Gazzetta Ufficijali tar-Repubblika tas-Slovenja.

Nru 0070-160/2023

Ljubljana, fi [...]

EVA 2023-2711-0094

Il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja

Dr Robert Golob
II-President

Anness 1

Kundizzjonijiet għall-użu tat-tikketta fil-gruppi tal-ikel u l-livelli massimi ta' nutrijenti fl-ikel

Grupp tal-ikel	Il-grupp ikopri	Livelli massimi ta' nutrijenti għal kull 100 g jew ml ta' ikel	Termini u noti addizzjonal
IKEΛ IMBALLAT MINN QABEL			
1. Żrieragħ u ġewż	Qamħirrum, żerriegħa tal-qara' aħmar, żerriegħa tal-ġirasol u simili, ġewż u ġewż imħallat, inkluż ġewż bit-togħma.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet saturati sa 8 g – zokkor sa 7,5 g – melħ sa 0,1 g 	<ul style="list-style-type: none"> – mingħajr zokkor miżjud*
2. Ħalib, xarbiet ibbażati fuq il-ħalib	Ħalib, xarbiet ibbażati fuq il-ħalib, fejn il-ħalib huwa l-ingredjent ewlieni.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 1.8 g 	<ul style="list-style-type: none"> – mingħajr zokkor miżjud*
3. Xarbiet ibbażati fuq il-pjanti (sostituti tal-ħalib)	Lewż, sojja, ross, xarbiet tal-ħafur, eċċ.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 1.8 g – zokkor sa 5 g – melħ sa 0.2 g 	<ul style="list-style-type: none"> – mingħajr zokkor miżjud*
4. Ilmijiet minerali naturali	Ilmijiet minerali, bis-CO ₂ miżjud jew le.	mingħajr restrizzjoni fuq in-nutrijenti	
5. Xarbiet mhux alkoħoliċi	Ilma bit-togħma xarbiet b'meraq tal-frott jew tal-ħaxix miżjud.	<ul style="list-style-type: none"> – zokkor sa 2.5 g 	<ul style="list-style-type: none"> – enerġija sa 80 kJ – mingħajr zokkor miżjud*
6. Ċereali għall-kolazzjon	Corn flakes u prodotti oħra taċ-ċereali fil-forma ta'bċejjeċ żgħar (eż. bċejjew tal-ħafur, tal-qamħ), bċejjeċ żgħar b'addittivi oħra, granola, eċċ.	<ul style="list-style-type: none"> – zokkor sa 12.5 g – xaħmijiet sa 10 g – melħ sa 0.5 g – fibra ta' mill-inqas 6 g 	
7. Jogurts, ħalib qares u ikel simili	Jogurt u xarbiet ibbażati fuq il-ħalib iffermentat (ħalib qares, kefir, xorrox tal-butir), kif ukoll prodotti tal-ħalib iffermentat bit-togħma u xarbiet bil-frott, muesli, eċċ. miżjud	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 1.8 g – zokkor sa 9 g 	<ul style="list-style-type: none"> – iz-zokkor li jkun fih jiġi biss minn ħalib, frott jew ħxejjex jew preparazzjonijiet ta' frott u ħxejjex
8. Cottage cheese	Cottage cheese oħxon jew lixx.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 3 g – melħ sa 0.3 g 	<ul style="list-style-type: none"> – mingħajr zokkor miżjud*, – il-grupp ma jinkludix baqta tal-frott u prodotti simili
9. Żjut veġetal	Żjut veġetal, bħal taż-żebbuġ, iż-żerriegħa tal-lift, il-ġirasol, il-ġewż, il-qanneb u żjut oħra jew it-taħlitiet tagħħom, jekk jilħqu	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet saturati sa 20 % tax-xaħmijiet totali – xaħmijiet monoinsaturati b'mill-inqas 45 % tax-xaħmijiet totali 	<ul style="list-style-type: none"> – il-prodotti jistgħu jkunu bit-togħma (eż. bil-fwejjaħ u oħrajn)

Grupp tal-ikel	Il-grupp ikopri	Livelli massimi ta' nutrijenti għal kull 100 g jew ml ta' ikel	Termini u noti addizzjonali
	I-valuri ta' limitu firrigward tal-acċidi xaħmin.		
10. Ħobż, prodotti tal-forn u prodotti taċ-ċereali mnixxa	Ħobż varju, inkluż ħobż mingħajr glutina, ħobż bla ħmira, ħobż biex jinxewwa, ħobż bil-qoxra iebsa, ħobż mixwi, grissini, eċċ.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 10 g – zokkor sa 5 g – melħ sa 1.1 g – fibra ta' mill-inqas 5 g 	
11. Ċereali u psewdoċereali, għażiġ imnixxef, għażiġ frisk, għażiġ lest biex jittiekel, legumi lesti biex jittieklu u ross	Għażiġ, njokki, dumplings, kuskus, fażola, piżelli, għads, ċiċri, eċċ., ċereali, qamħ saraċin, ross, kinoa, għobbejra, qamħirrum, eċċ., lesti biex jittieklu.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 5 g – zokkor sa 5 g – melħ sa 1.0 g – fibra ta' mill-inqas 5 g 	
12. Laħam tat-tjur frisk u ffriżat	Kull tip ta' laħam tat-tjur.	– xaħmijiet sa 3 g	
13. Ħut frisk	Kull tip ta' ħut.	mingħajr restrizzjoni fuq in-nutrijenti	
14. Frott, ħxejjex u legumi friski u ffriżati	Frott, ħxejjex u legumi, inklużi dawk li fihom il-lamtu (eż. il-patata).	mingħajr restrizzjoni fuq in-nutrijenti	
15. Ħxejjex u legumi pproċessati (eskuż il-meraq)	Ħxejjex u legumi fil-laned (tal-pikles, imnixxa, imsajjar bil-mod fil-magħluq).	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 5 g – melħ sa 0.9 g 	
16. Ħxejjex tal-pikles/fermentati (eż. kaboċċi, ġidriet).	Tal-pikles/fermentati (eż. kaboċċi, ġidriet).	– melħ sa 1.5 g	
IKEŁ MHUX IMBALLAT MINN QABEL			
17. Ħobż	Tipi differenti ta' ħobż.	<ul style="list-style-type: none"> – xaħmijiet sa 10 g – zokkor sa 5 g – melħ sa 1.1 g – fibra ta' mill-inqas 5 g 	
18. Laħam tal-pollam frisk	Kull tip ta' laħam frisk tat-tjur.	– xaħmijiet sa 3 g	
19. Ħut frisk	Kull tip ta' ħut.	mingħajr restrizzjoni fuq in-nutrijenti	
20. Frott, ħxejjex u legumi frisk	Frott u ħxejjex u legumi, inklużi dawk li fihom il-lamtu (eż. il-patata).	mingħajr restrizzjoni fuq in-nutrijenti	

* fi biss zokkor li jseħħi b'mod naturali

Anness 2
Rappreżentazzjoni grafika tat-tikketta

(a)



GĦAŻLA TAJBA

(b)



(c)



DOBRA IZBIRA

(d)



(e)



|

Anness 3

Immaġni grafika integrata



Priloga 3_CGP
Q.pdf

Anness 4

Informazzjoni fl-avviż tal-użu tat-tikketta

- id-data tan-notifika;
- it-tip ta' notifika: il-bidu tal-użu tat-tikketta/il-bidla tal-informazzjoni dwar l-ikel/it-twaqqif tal-użu tat-tikketta/il-waqfien tal-bejgħ tal-ikel;
- l-informazzjoni tal-applikant (isem il-kumpanija/isem l-entità kummerċjali, in-numru tat-taxxa tal-entità kummerċjali, l-indirizz tal-email ta' kuntatt);
- l-isem kummerċjali tal-ikel;
- l-isem tad-ditta;
- il-manifattur tal-ikel (l-isem tal-kumpanija/l-isem tal-entità kummerċjali);
- in-numru tal-barcode (jekk ikun hemm);
- il-kwantità netta (jekk ikun hemm);
- il-grupp ta' ikel imsemmi fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament;
- l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni (mhux bilfors);
- il-lista tal-ingredjenti;
- l-informazzjoni dwar jekk hemmx sustanzi li jagħtu l-ħlewwa (iva/le);
- l-informazzjoni dwar il-kuluri li jkun fi, li jeħtieġu tikkettar speċjali (iva/le);
- l-informazzjoni dwar iz-zokkor miżjud li jkun fi (iva/le);
- l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-ikel (għal ikel b'ċerti valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament biss);
- anness: ir-riżultati tal-analiżi li jagħtu prova tal-adegwatezza tad-data dwar il-valur nutrizzjonali (biss għall-ikel b'ċerti valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament);
- anness: it-tqiegħid ta' tikketta fuq l-ikel jew ritratt tat-tikketta fuq l-ikel (biss għall-ikel imballat minn qabel).